MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2001

Numru 113/2001

**PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE MICALLEF GRIMAUD**

**VS**

**KHALED SALEH EL-DURSSI**

**Illum 14 ta’ Frar 2001**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Khaled Saleh El-Durssi, ta’ 27 sena, bin Saleh u Aisha, imwieled Benghazi (Libja) fil-25 ta’ Settembru 1973 u joqghod Shapir/1, Triq Viani, Sliema, passaport numru 051681;

Talli fit-12 ta’ Frar 2001, ghall-habta tad-9.00pm, fi Triq Wilga, Paceville, offenda l-pudur jew il-morali, b’ghemil li jsir f’lok pubbliku espost ghall-pubbliku, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, f’post pubbliku, nezgha gharwien jew ma’ kienx liebes xieraq, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 338 (q) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ghamel gesti oxxeni fil-pubbliku, u jew, b’xi mod iehor, offenda l-morali l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 338 (bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b’mod iehor, u dan bi ksir ta’ l-Artikolu 338 (m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ukoll talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu strument jaqta’ u bil-ponta (mus), minghajr il-licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 13 (1) tal-Ordinanza Dwar Armi, Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ukoll talli fl-istess jum, gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta’ Tas-Sliema, ghall-habta ta’ l-10.00pm., volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor,

mobbli jew immobbli u cioe' kisser hgiega ta' bieb, ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 325 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara illi rat l-Artikoli 209, 338 (q), 338 (bb), 338 (m), 325 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 13 (1) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputat, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-istess imputat hati ta' kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni, u fir-rigward tal-piena, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien tlett (3) snin mil-lum,  a tenur ta' l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta''Malta.

Din il-Qorti, qeghda wkoll, a tenur ta' l-Artikolu 14, 15, tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna t-tkeccija immedjata ta' l-imsemmi imputat minn dawn il-Gzejjer, u tiddikjarah immigrant projbit.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------